Nru./No. 18,645
Prezz/Price
€3.35

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' Settembru, 2010
Tuesday, 14th September, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7733 - 7740
Government Notices ..... *7733 - 7740*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7740 - 7741
Police Notices ..... *7740 - 7741*

Avviż lill-Baħħara 7742
Notice to Mariners *7742*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 7742 - 7755
Employment Opportunities ..... *7742 - 7755*

Avviżi tal-Gvern ..... 7755 - 7756
Notices ..... *7755 - 7756*

Offerti ..... 7757 - 7791
Tenders ..... *7757 - 7791*

Avviżi tal-Qorti ..... 7791 - 7800
Court Notices ..... *7791 - 7800*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 939

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,642 u 18,643 tas-7 u l-10 ta' Settembru, 2010 rispettivament.

A.L. Nru. 421 ta' l-2010: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473) Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw it-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni.

A.L. Nru. 422 ta' l-2010: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423) Regolamenti ta' l-2010 dwar it-Tariffi *Feed-in* (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx).

A.L. Nru. 423 ta' l-2010: Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31). Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 424 ta' l-2010: Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31). Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 425 ta' l-2010: Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406) Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 426 ta' l-2010: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) Regolamenti ta' l-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur (Emenda Nru. 2).

L-14 ta' Settembru, 2010

Nru. 940

ĦATRA TA' PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim' Ministru, ħatar lil Dott. Silvio Camilleri, LL.D., bħala Prim' Imħallef tal-Qrati Superjuri b'seħħ mid-9 ta' Settembru 2010.

13 ta' Settembru, 2010
(MJHA /119/2010)

GOVERNMENT NOTICES

No. 939

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,642 and 18,643 of the 7th and 10th September, 2010 respectively.

L.N. 421 of 2010: Eco-contribution Act (Cap. 473) Eco-contribution Act (Amendment of Second Schedule) Regulations, 2010.

L.N. 422 of 2010: Malta Resources Authority Act (Cap. 423) Feed-in Tariffs (Electricity Generated from Solar Photovoltaic Installations) Regulations, 2010.

L.N. 423 of 2010: Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 31) Medical and Kindred Professions Ordinance (Amendment of Third Schedule) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. 424 of 2010: Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 31) Drugs Control (Amendment) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. 425 of 2010: Value Added Tax Act (Cap. 406) Value Added Tax Act (Amendment of Fifth Schedule) (No. 2) Regulations, 2010.

L.N. 426 of 2010: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) Motor Vehicles (Driving Licences) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2010.

14th September, 2010

No. 940

APPOINTMENT OF CHIEF JUSTICE

IT is hereby notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has appointed Dr Silvio Camilleri, LL.D., as Chief Justice of the Superior Courts with effect from 9th September 2010.

13th September, 2010

Nru. 941

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Alberto Magri biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn it-12 u l-20 ta' Settembru, 2010 matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Silvio Camilleri.

L-10 ta' Settembru, 2010
(MJ/207/89/VII)

No. 941

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by section 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Alberto Magri to perform the functions of Acting Chief Justice between the 12th and 20th September, 2010, during the absence of His Honour the Chief Justice Silvio Camilleri.

10th September, 2010

Nru. 942

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tatl-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

L-14 ta' Settembru, 2010
(File No. A/209/02)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Għarb:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 15,900 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet li ġġib in-numru 62208M li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

It-3 ta' Settembru, 2010

No. 942

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

14th September, 2010

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Għarb:–

A plot of land of the area of about 15,900 square metres, bounded on the North and the South by Government property and on the East by property of unknown owners.

The abovementioned land is shown marked in red on the Land Registrar's plan bearing number 62208M which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

3rd September, 2010

Nru. 943

KUMMISSJONI DWAR IL-KONTROLL TAL-IŻVILUPP

SKONT l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 356), il-Prim Ministru approva li Ms Mariella Axisa tkun maħtura mill-ġdid *Chairperson* Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp 'B' b'seħħ mis-26 ta' Lulju, 2010.

L-10 ta' Settembru, 2010
OPM 743/1993

No. 943

DEVELOPMENT CONTROL COMMISSION

IN terms of Article 13 of the Development Planning Act (Cap. 356), the Prime Minister has approved that Ms Mariella Axisa be reappointed Chairperson of the Development Control Commission 'B' with effect from 26th July, 2010.

10th September, 2010

Nru. 944

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRIM MINISTRU għoġbu japprova l-promozzjoni tal-imsemmi hawn taħt għar-*rank* ta' Maġġur b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn ismu.

Il-Kaptan Mark Galea	9 ta' Lulju 2010

Il-Prim Ministru għoġbu japprova l-promozzjoni tal-imsemmija hawn taħt għar-*rank* ta' Kaptan b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

Il-Logutenent Paul Galea	1 ta' Lulju 2010
Il-Logutenent Douglas Falzon	1 ta' Lulju 2010

Il-Prim Ministru għoġbu japprova l-promozzjoni tal-imsemmija hawn taħt għar-*rank* ta' Logutenent b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

2/Logutenent Pasquale Papa	5 ta' Mejju 2010
2/Logutenent Matthew Sant	5 ta' Mejju 2010
2/Logutenent Peter Paul Debono	5 ta' Mejju 2010
2/Logutenent Richard Vassallo	5 ta' Mejju 2010
2/Logutenent Bernardette Cachia	5 ta' Mejju 2010
2/Logutenent Matthew Portelli	5 ta' Mejju 2010

Id-9 ta' Settembru, 2010
COF/548/1965/3

No. 944

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the undermentioned to the rank of Major with effect from the date shown against his name.

Captain Mark Galea	9 July 2010

The Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the undermentioned to the rank of Captain with effect from the date shown against their names.

Lieutenant Paul Galea	1 July 2010
Lieutenant Douglas Falzon	1 July 2010

The Prime Minister has been pleased to approve the promotion of the undermentioned to the rank of Lieutenant with effect from the date shown against their names.

2nd Lieutenant Pasquale Papa	5 May 2010
2nd Lieutenant Matthew Sant	5 May 2010
2nd Lieutenant Peter Paul Debono	5 May 2010
2nd Lieutenant Richard Vassallo	5 May 2010
2nd Lieutenant Bernardette Cachia	5 May 2010
2nd Lieutenant Matthew Portelli	5 May 2010

9th September, 2010

Nru. 945

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGHARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Samuel Bezzina, LL.D. bħala Nutar Delegat tal-Atti tan-Nutar Dott. Elaine Farrugia, LL.D. sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-21 ta' Ġunju, 2010 sal-25 ta' Ġunju, 2010.

Illum, 17 ta' Ġunju, 2010.

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 945

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Samuel Bezzina, LL.D. to be Notary Delegate for Notary Dr Elaine Farrugia, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 21st of June, 2010 till the 25th of June, 2010.

This, 17th day of June, 2010.

CARMEL MUSCAT
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 946

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat

NGHARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Naomi Mugliette, LL.D. bħala Nutar Delegat tal-Atti tan-Nutara Dott. Anthony Abela, LL.D. u Dott. Sam Abela, LL.D. sakemm dawn ikunu nieqsa minn dawn il-Gżejjer mis-17 ta' Awwissu, 2010 sal-24 ta' Awwissu, 2010.

Illum, 26 ta' Awwissu, 2010.

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili

No. 946

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Naomi Mugliette, LL.D. to be Notary Delegate for Notaries Dr Anthony Abela, LL.D., and Dr Sam Abela, LL.D. during the latter's absence from these Islands from the 17th of August, 2010 till the 24th of August, 2010.

This, 26th day of August, 2010.

CARMEL MUSCAT
For the Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 947

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 947

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta tal-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Dominic Busuttil	281683 (M)	Flat 5, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk II, Bieb A, Siġġiewi
Peter Paul Brincat	181675 (M)	110, "Dar San Ġużepp", Triq Santa Marija, Għaxaq
Jonathan Camilleri	122978 (M)	62, "Madonna tal-Grazzja", Triq Nazzarenu, Paola
Vanessa Camilleri	169279 (M)	62, "Madonna tal-Grazzja", Triq Nazzarenu, Paola
Trevor Bellotti	150889 (M)	139A, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla
Danny Peter Paul Pace	171391 (M)	"Ta' Xkejfa", Triq Ta' Said, Nadur, Għawdex
Jurgen Caruana	483890 (M)	Blokk G, Flat 4, Bini tal-Gvern, Triq Barbara, Ħamrun
Daniela Briffa	52792 (M)	"Sunflower Court", Flat 2E, Triq Ġanni Vella, Birkirkara
Mary Louise Gatt	266091 (M)	"St. Peter", Flat 5, Triq il-Mimosa, Pietà
Mary Rose Bonnici	424764 (M)	"Pointer" Flat 3, Triq Ħal Luqa, Qormi
Mario Spiteri	215552 (M)	23, Triq Ġużé Muscat Azzopardi, Iklin
Chantelle Cuschieri	331888 (M)	31, "At. Anna", Triq il-Bwieraq, Birkirkara
Raymond Vella	261761 (M)	Flat 4, Qasam Ta' Ganza, Blokk H, Żejtun
Natasha Usher	156282 (M)	99, Triq Ġorġ Borg Olivier, Rabat
Innocent Brincat	93359 (M)	"Grove Court", Flat 1, Triq il-Melħ, San Pawl il-Baħar
Joseph Borg	183168 (M)	"Jesmon", Flat 1, Triq Mater Boni Consilii, Fgura
Joseph Zammit	146356 (M)	Binja Ġublew tal-Fidda, Ent. D, Flat 8, Triq l-Erbgħa u Għoxrin ta' Ġunju, San Ġwann
Riccardo Schembri	349279 (M)	156, Blokk 2, Flat 4, Triq il-Punent, Valletta
Rita Anna Lia Bonanno	33272 (M)	2/3, "Ta' Benjamina", Sqaq San Ġakmu, Żurrieq
Raymond Camilleri	428457 (M)	30, "Il-Bufula", Triq Dun Karm Fenech, Għargħur
Mario Mizzi	98071 (M)	10, "Precious Moments", Triq Romano Carapecchia, Fgura
Carmelo Degiorgio	417335 (M)	25, "Ivy", Triq l-Annunzjata, Balzan
Christian Demicoli	434983 (M)	Blokk 15, Bieb A, Flat 6, Triq l-Ispefanotis, San Ġwann
Charlot Giordimaina	363792 (M)	111, "Mickann", Triq il-Falkunier, Żejtun

Glenn Cutajar	61284 (M)	Binja 21 ta' Settembru 1964, Ent. D, Flat 4, Triq il-Qalbiena, San Ġwann
Michael Chetcuti	593758 (M)	"Belvedere Court", Flat 2, "Remig", Triq l-Iskal, Marsaskala
Darren Gatt	414892 (M)	23, "Charder", Triq Monsinjur De Piro, Ħamrun
Joseph Lia	341471 (M)	256, Triq il-Kbira, Balzan
Norman Bugeja	447061 (M)	27, Triq Ħal Tarxien, Luqa
Alfred Buttigieg	652052 (M)	"Raypaul", Triq is-Serkin, Marsa
Andrea Abela	273388 (M)	28, "St. Anna", Triq il-Kunzar, Msida
Jason Cauchi	252278 (M)	246, "Shalom", Flat 1A, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Siġġiewi
Mario Grasso	683058 (M)	"Briffa", Flat 4, Triq Lydda, Qormi
Mariella Fiorini	113390 (M)	12, "San Antonio", Flat 4, Triq tal-Buttar, Marsaskala
Elizabeth Ellul	284562 (M)	41, "Taucan", Triq Franza, Naxxar
Gylmour Micallef	443389 (M)	33, Triq Dun Filippu Borg, Birkirkara
John Zarb	157956 (M)	54, "Anita", Flat 2, Triq Massabielle, San Ġwann

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-14 ta' Settembru, 2010

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

14th September, 2010

Nru. 948

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI
(A.L. 54 tal-2010)

Regolamenti tal-2010 dwar Kumitati Amministrattivi għal Komunitajiet

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Membru fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, it-13 ta' Settembru, 2010 għall-Kumitat Amministrattiv għall-Komunità ta' Xlendi (Il-Munxar) biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Mark Anthony Cassar huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

FENECH ADAMI MICHELE

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-14 ta' Settembru, 2010

No. 948

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993
(L.N. 54 of 2010)

Administrative Committees for Communities Regulations, 2010

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Member in the casual election held on Monday, 13th September, 2010 for the Administrative Committee for the Community of Xlendi (Il-Munxar) to fill the post vacated by Mr Mark Anthony Cassar is that whose name is shown hereunder:–

FENECH ADAMI MICHELE

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

14th September, 2010

Nru. 949

ATT TAL-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, it-13 ta' Settembru, 2010 għall-Kunsill Lokali ta' San Ġwann biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Joseph Agius huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

MICALLEF MIKHAIL

SALV. GAUCI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

L-14 ta' Settembru, 2010

No. 949

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 13th September, 2010 for the Local Council of San Ġwann to fill the post vacated by Mr Joseph Agius is that whose name is shown hereunder:–

MICALLEF MIKHAIL

SALV. GAUCI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Il-Belt Valletta.

14th September, 2010

Nru. 950

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
14. 09. 10	€31.838	€0.531

L-14 ta' Settembru, 2010

No. 950

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

14th September, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 112

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ħamis, it-23 ta' Settembru 2010 minn nofsinhar 'il quddiem minn Bir Miftuħ.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Ħaż-Żebbuġ (Malta)

Nhar l-Erbgħa, it-22 ta' Settembru 2010 mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Xmun Attard.

Nhar il-Ħamis, it-23 ta' Settembru 2010 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Xmun Attard.

Nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru 2010 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Xmun Attard.

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Settembru 2010 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Xmun Attard u Triq Profs. Daniel Callus.

POLICE NOTICE

No. 112

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

On Thursday, 23rd September 2010 from noon onwards through Bir Miftuħ.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

Żebbuġ (Malta)

On Wednesday, 22nd September 2010 from 7.00 p.m. onwards through Triq Xmun Attard.

On Thursday, 23rd September 2010 from 6.00 p.m. onwards through Triq Xmun Attard.

On Friday, 24th September 2010 from 6.00 p.m. onwards through Triq Xmun Attard.

On Saturday, 25th September 2010 from 5.00 p.m. onwards through Triq Xmun Attard and Triq Profs. Daniel Callus.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Settembru 2010 mit-8.00 a.m. 'il quddiem minn Triq tal-Grazzja.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Settembru 2010 mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Xmun Attard u Triq Profs. Daniel Callus.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Settembru, 2010

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 113

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala żoni ta' rmonk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija, jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta u l-Furjana

Nhar l-Erbgħa, il-15 ta' Settembru, 2010, mill-5.00 a.m. 'il quddiem minn Triq San Publju and Pjazza San Publju.

Nhar it-Tnejn, l-20 ta' Settembru, 2010, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Publju, Pjazza San Publju, il-parkeġġ tal-Fosos, l-Assedju l-Kbir, il-Mall, Sarria, V. Bugeja, J. Lopez, l-Isqof Mauro Caruana, il-Foss ta' San Ġakbu u Triq Nelson inlkuż taħt is-siġar.

Nhar it-Tlieta, il-21 ta' Settembru, 2010, mill-5.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Vjal ir-Re Dwardu VII, il-Mall, Nelson inkluż taħt is-siġar, l-Assedju l-Kbir, il-parkeġġ ta' quddiem il-Phoenicia fi Triq l-Assedju l-Kbir, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, il-parkeġġ tal-Bank Ċentrali, il-Papa Piju V, Vjal Ġirolmu Cassar, il-parkeġġ tal-Istock Exchange, Pjazza Kastilja u l-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq.

Nhar it-Tlieta, il-21 ta' Settembru, 2010, mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-parkeġġ tal-Bank Ċentrali, il-parkeġġ tal-Istock Exchange, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, San Pawl, Pjazza Kastilja, Vjal Ġirolmu Cassar, il-Papa Piju V, ir-Repubblika, l-Arċisqof u l-Merkanti.

Nhar it-Tlieta, il-21 ta' Settembru, 2010, mit-3.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Nelson inluż taħt is-siġar.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Settembru, 2010

On Sunday, 26th September 2010 from 8.00 a.m. onwards through Triq tal-Grazzja.

On Sunday, 26th September 2010 from 6.00 p.m. onwards through Triq Xmun Attard and Triq Profs. Daniel Callus.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

14th September, 2010

POLICE NOTICE

No. 113

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as tow zones as indicated.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulation (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta and Floriana

On Wednesday, 15th September, 2010, from 5.00 a.m. onwards through Triq San Publju and Pjazza San Publju.

On Monday, 20th September, 2010, from 3.00 p.m. onwards through the following streets: San Publju, Pjazza San Publju, Granaries parking area, l-Assedju l-Kbir, il-Mall, Sarria, V. Bugeja, J. Lopez, l-Isqof Mauro Caruana, St James Ditch and Triq Nelson including under the trees.

On Tuesday, 21st September, 2010, from 5.00 a.m. onwards through the following streets: Vjal ir-Re Dwardu VII, il-Mall, Nelson including under the trees, l-Assedju l-Kbir, parking area opposite Phoenicia Hotel in Triq l-Assedju l-Kbir, ir-Repubblika, Pjazza San Ġwann, Central Bank parking area, il-Papa Piju V, Vjal Ġirolmu Cassar, Stock Exchange parking area, Pjazza Kastilja and Upper Barrakka Gardens.

On Tuesday, 21st September, 2010, from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Central Bank parking area, Stock Exchange parking area, Upper Barrakka Gardens, San Pawl, Pjazza Kastilja, Vjal Ġirolmu Cassar, il-Papa Piju V, ir-Repubblika, l-Arċisqof and il-Merkanti.

On Tuesday, 21st September, 2010, from 3.00 p.m. onwards through Triq Nelson including under the trees.

Vehicles found in contravention to this notice will be subject to be towed away.

14th September, 2010

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 87 tal-2010

HSBC – Swimming Event bejn Għawdex u Malta

Id-Direttorat Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf li l-istaff tal-HSBC se jorganizza Triathlon b'għajnuna għall-Community Chest Fund nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru, 2010, bejn Għawdex u Malta.

Il-parteċipanti se jitilqu minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex mat-8.30 a.m. Se jgħumu lejn il-Blue Lagoon f'Kemmuna u wara lejn iċ-Ċirkewwa u jgħaddu bejn il-farm tat-tonn li jinsab fin-Nofsinhar ta' Kemmuna u Kemmuna kif hemm fiċ-*chart* 1 murija fuq il-*website* tat-Transport Malta:

http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1

Din l-għawma għandha ddum madwar erba' (4) sigħat, jekk it-temp jippermetti.

Bastimenti ta' għajnuna se jakkumpanjaw l-għawwiema li se jieħdu sehem.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'kawtela fl-inħawi matul il-ħin stipulat u jżommu 'l bogħod mill-għawwiema. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (VTS).

Charts affettwati: BA 211A, 2537 u 2538

L-14 ta' Settembru, 2010

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 87 of 2010

HSBC – Swimming Event between Gozo and Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that HSBC staff will be organising a Triathlon event in aid of the Community Chest Fund on Sunday 19th September, 2010, between Gozo and Malta.

Participants will start from Ħondoq ir-Rummien, Gozo at approximately 8.30 a.m. They are to swim towards the Blue Lagoon in Comino and then towards Ċirkewwa passing between the tuna farm located on the south side of Comino and Comino as per chart 1 shown on Transport Malta's website:

http://www.transport.gov.mt/Page.aspx?pageid=499&lid=1

The swimming event is expected to take around four (4) hours, weather permitting.

Support vessels will accompany the participating swimmers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate well clear off the area during the stipulated time giving the swimmers a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (VTS).

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

14th September, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Speech Therapist* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Speech Therapist* fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1 Il-post ta' *Speech Therapist* għandu salarju ta' €13,809 fis-sena li jiżdied b'€354.00 fis-sena sa massimu ta' €15,933 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* tiġi promossa fil-grad ta' *Senior Speech Therapist* fi Skala ta' Salarju 10 €15,668 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,114 wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Speech Therapist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Speech Therapist in the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

2.1 The post of Speech Therapist carries a salary of €13,809 per annum rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €15,933 (Salary Scale 12). A Speech Therapist will be promoted to the grade of Senior Speech Therapist in Salary Scale 10 €15,668 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,114 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* li għandha jew li ġiet approvata biex tingħata xi *degree* rikonoxxuta fil-*Communication Therapy* jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, titqiegħed fi Skala ta' Salarju 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skont liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata titla' għal Skala ta' Salarju 9 b'salarju ta' €16,690 fis-sena li jiżdied b' €447.33 fis-sena sa massimu ta' €19,374 wara sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Speech Therapist* wara sentejn servizz fil-grad ta' *Speech Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Speech Therapist* jinkludu:

a) tipprovdi servizzi kliniċi rigward *Speech Therapy;*

a) tassessja u tikkura pazjenti bi problemi ta' komunikazzjoni kif ikunu allokati minn *staff* anzjan;

c) iżżomm *records* eżatti skont il-*policies* u l-proċeduri tad-Dipartiment;

d) dmirijiet oħra skont l-esigenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

e) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

2.2. A Speech Therapist in possession or who has been approved for the award of a recognised degree in Communication Therapy or a recognized appropriate comparable qualification will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Speech Therapist will progress to Scale 9 with a salary of €16,690 per annum rising by annual increments of €447.33 up to a maximum of €19,374 on completion of two years service as graduate Speech Therapist. A graduate Speech Therapist will be promoted to Senior Speech Therapist on completion of two years service in the grade of Speech Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Speech Therapist include :

a) provision of clinical services with regard to Speech Therapy;

b) assessment and treatment of patients with communication problems as allocated by senior staff;

c) keeping of accurate records in accordance with departmental policies and procedures;

d) any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

e) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health, the Elderly and Community Care.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

c) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Speech Language Pathologist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fil-*Communication Therapy* jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli sal-aħħar tas-sena 2010 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a), (b), u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu juru iċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikat f'paragrafu 5(ċ) qabel ma jingħataw il-ħatra.

6.2 L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista tal-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skont paragrafu 5 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post.

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Speech Language Pathologist with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6.1 Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Communication Therapy or a recognized appropriate comparable qualification by the end of the year 2010 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5(c) before appointment.

6.2 Successful candidates under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements

Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluži kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Health, the Elderly and Community Care by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry for Education, Employment and the Family or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3. Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunità. Ir-riżultat jista' jitnizzel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ottubru 2010.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Ottubru 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand l-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad- Direttorat tar- Riżorsi Umani (Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità) huma +356-2122 6285 u +356 - 2123 5890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Direttorat tar-Riżorsi Umani (Ministeru għas-

9.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organizations.

9.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Health, the Elderly and Community Care. Furthermore, the result may also be viewed on the Public Service Commission's website where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Ministry for Health, the Elderly and Community Care, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th October 2010.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th October 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Assistant Director, Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Directorate of Human Resources (Ministry for Health, the Elderly and Community Care) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Directorate of Human Resources (Ministry

WasteServ Malta Ltd qed toffri materjal riċiklabbli għall-bejgħ, li għandu jinbiegħ *ex-works* mill-Impjant tat-Trattament tal-Iskart ta' Sant'Antnin (SAWTP) u minn *Civic Amnetiy Sites (CA Site)*. Il-materjal riċiklabbli li huwa disponibbli għax-xahar ta' Settembru 2010 jikkonsisti minn dan li ġej:

Oġġett:
1. *PET mixed*
2. *Plastic Film baled*
3. *Newspapers baled*
4. *Metal Ferrous Cans baled*
5. *Aluminium Cans loose*

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer of WasteServ Malta Ltd notifies that:-

WasteServ Malta Ltd is offering for sale various recyclable materials, to be sold ex-works, from Sant'Antnin Waste Treatment Plant (SAWTP) and Civic Amenity Sites (CA Site). The Recyclable materials available for the month of September 2010 shall consist of:-

Item Material
1. PET mixed
2. Plastic Film baled
3. Newspapers baled
4. Metal Ferrous Cans baled
5. Aluminium Cans loose

6. *Aluminium Profile loose*
7. *Ferrous Metal Scrap loose SAWTP*
8. *Ferrous Metal Scrap loose CA Sites*
9. Ferrous Metal Scrap loose Magħtab Env. Complex
10. *Ferrous Metal Scrap loose (Gozo)*
11. *Other Plastic (Crates/Furniture)*
12. S*tainless Steel (washing sinks)*
13. *Tyres (various types and sizes)*
14. *Mixed shredded wood*
15. *Jablo loose*
16. *Cardboard baled*
17. *Mixed Paper Plastic Baled*
18. *Mixed Paper baled*
19. *Wooden Pallets*
20. *Mixed Glass Packaging*
21. Rubber from shredded tyres varying from 4mm to 6mm thickness

WasteServ jilqa' offerti (mingħajr VAT) għall-bejgħ ta' dawn l-oġġetti *'tale quale'* mingħajr garanzija u jikkuntattja lil dawk li beħsiebhom jixtru biex jintlaħaq ftehim rigward il-ġbir tal-materjali meħtieġa fiż-żmien miftiehem. L-oġġetti kollha msemmija għandhom jitqiesu bħala lottijiet separati. L-offerti għandhom jiġu sottomessi wara li timtela l-formola dettaljata li tista' titniżżel minn www.wastesermalta.com filwaqt li kopja stampata tista' tinkiseb mill-uffiċċji ta' SAWTP jew mill-uffiċċji ta' Santa Venera matul il-ħinijiet tal-uffiċċju. Din il-proċedura għandha tirrepeti ruħha kull xahar.

Aġenziji barranin li huma interssati jixtru xi wħud mill-oġġetti fil-lista għandhom jiġu awtorizzati mill-Awtoritajiet Kompetenti ta' pajjiżhom biex jittrattaw il-materjal ta' skart speċifiku. Fi kwalunkwe każ, it-trasport tal-iskart irid isir minn *waste carrier* reġistrat u l-esportazzjoni tal-iskart trid isseħħ skont it-*Trans Frontier Shipment of Waste Regulations*.

Dawk li jintgħażlu biex jixtru l-materjal għandhom iħallsu 50% tal-ammont offrut minn qabel u jrid ikollhom l-awtorizzazzjoni neċessarja mill-MEPA. Il-fattura għall-materjal li jittieħed kull xahar tinħareġ mat-tgħabbija u l-bilanċ li jibqa' jrid jiġi mħallas fi żmien 120 jum mill-ħruġ tal-fattura. Għall-offerti u għotjiet li jkollhom ammont ġenerali ta' jew aktar minn €10,000 mill-istess xerrej għandu jiġi ppreżentat fl-oriġinal depożitu ta' 30% tal-għotja tal-offerta u 70% Garanzija Bankarja valida sa 120 ġurnata favur il-WasteServe qabel ma jitgħabbew l-affarijiet. Il-kwantitajiet tal-materjal riċiklabbli li jinbiegħ b'dan il-proċess iridu jiġu ddikjarati lill-MEPA bħala oġġetti rkuprati għar-riċiklaġġ mill-WasteServ.

Partijiet interessati għandhom iċemplu lill-WasteServ fuq 2385 8139 sabiex jaraw il-materjal, li qiegħed jinbiegħ *'tale quale'* u mingħajr garanzija. L-offerti għax-xiri għandhom jiġu depożitati fil-Kaxxa tal-Offerti fl-uffiċċju ta' Santa Venera li għandha tinfetaħ f'nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru, 2010.

L-14 ta' Settembru, 2010

6. Aluminium Profile loose
7. Ferrous Metal Scrap loose SAWTP
8. Ferrous Metal Scrap loose CA Sites
9. Ferrous Metal Scrap loose Magħtab Env. Complex
10. Ferrous Metal Scrap loose (Gozo)
11. Other Plastics (Crates/Furniture)
12. Stainless Steel (washing sinks)
13. Tyres (various types and sizes)
14. Mixed shredded wood
15. Jablo loose
16. Cardboard baled
17. Mixed Paper Plastic Baled
18. Mixed Paper baled
19. Wooden Pallets
20. Mixed Glass Packaging
21. Rubber from shredded tyres varying from 4mm to 6mm thickness

WasteServ will receive offers (excl. VAT) for the sale of these fractions 'tale quale' without warranty and shall contact prospective buyers to come to an agreement to collect the required materials in an agreed time-frame. All items shall be considered as separate lots. Offers are to be submitted by the completion of the detailed form available for download on the website www.wasteservmalta.com and hardcopies may be obtained from SAWTP offices or Sta. Venera offices during office hours. This procedure is intended to be repeated every month.

Foreign agencies which are interested in purchasing any of the items in the list must provide relevant authorisations from their country's Competent Authorities for the handling of the specific waste streams. In any case, transport of waste must be carried out by a registered waste carrier and export of waste must be done according to the Trans Frontier Shipment of Waste Regulations.

Selected buyers need to pre-pay 50% of the amount offered and must have the required authorisation from MEPA. The invoice for the material taken per month shall be issued upon loading and the remaining balance must be settled within 120 days from date of invoice. For bids and awards having an overall amount equal to or over €10,000 by the same buyer, a 30% deposit on tender award and 70% Bank Guarantee valid for 120 days in favour of WasteServ, is to be presented in original before loading of goods. The quantities of recyclables sold through this process shall be declared to MEPA as recovered for recycling by WasteServ.

Interested parties are advised to call WasteServ on 2385 8139 in order to view the material, which is being sold 'tale quale' without warranty. Purchase offers are to be deposited in the Tender Box at the Santa Venera office and shall be opened on Friday, 24th September, 2010 at noon.

14th September, 2010

DIPARTIMENT TAL-PROPRJETÀ TAL-GVERN

Sejħa għall-Offerti skont Artikolu 3(1)(a) tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-*Privatisation Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, tistieden lill-persuni u entitajiet interessati sabiex jissottomettu offerti għall-konċessjoni b'ċens temporanju għall-perjodu ta' tletin (30) sena tal-Malta Super Yacht Facilities, li jinsabu f'Baċir Nru. 2 u f'Baċir Nru. 3 fl-inħawi ta' Bormla.

Wieħed jista' jara kopja tal-pjanti li juru l-proprjetà proposta li tingħata b'ċens temporanju, kif imsemmi hawn fuq, mill-21 ta' Lulju, 2010 sas-6 ta' Awwissu, 2010, fl-Uffiċċju tal-*Privatisation Unit,* Qasam Industrijali tal-Marsa MRS 3000 mit-Tnejn tal-Ġimgħa, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Id-dokument tal-offerta, inklużi l-proċess u d-dokumenti meħtieġa biex issir l-offerta, jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tal-*Privatisation Unit* mill-21 ta' Lulju, 2010, wara li jitħallas dritt ta' €5,000.

Ħadd ma jista' jiġbor id-dokument tal-offerta jekk qabel ma jiffirmax/jiffirmawx Ftehim ta' Kunfidenzjalità. Kull min hu interessat huwa mistieden jagħmel kuntatt mal-*Privatisation Unit*.

Il-ħin u d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, l-1 ta' Diċembru, 2010.

Kull mistoqsija għandha tiġi indirizzata liċ-*Chairman, Privatisation Unit:*

Email: victoria-mary.wilson@gov.mt
Tel: (00356) 21 230424
Mob: (00356) 7920 9468

L-14 ta' Settembru, 2010

GOVERNMENT PROPERTY DEPARTMENT

Call for tenders in terms of Article 3(1)(a) of the Disposal of Government Land Act, Chapter 268 of the Laws of Malta.

The Privatisation Unit within the Ministry of Finance, the Economy and Investment invites interested parties to tender for the temporary emphyteutical grant for a period of thirty (30) years of the Malta Super Yacht Facilities situated at Dock 2 and Dock 3 in the Cospicua area.

A copy of the plans in respect of the property proposed to be granted under title of temporary emphyteusis as aforesaid may be viewed as from the 21st July 2010 until the 6th August 2010 at the offices of the Privatisation Unit, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000 from Monday to Friday between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

The relative Call for Tenders document and attachments thereto setting out process and requirements connected with submitting a tender can be collected as from 21st July 2010 from the offices of the Privatisation Unit on payment of €5,000.

No person will be allowed to collect the Call for Tenders document and attachments thereto unless he enters into a Confidentiality Agreement. Interested parties are invited to contact the Privatisation Unit.

The closing time and date for submission of tenders is noon (Central European Time) of Wednesday, 1st December 2010.

Enquiries should be addressed to the Chairman, Privatisation Unit:

Email: victoria-mary.wilson@gov.mt
Tel: (00356) 21 230424
Mob: (00356) 7920 9468

14th September, 2010

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

Iċ-*Chairman, Malta Industrial Parks Ltd*, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Ottubru, 2010, fl-uffiċċji tal-Malta Enterpise, Enterprise Centre, Qasam Industrijali ta' San Ġwann, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

*Avviż Nru. MIP/TQF/GEN/D12/10. Kuntratt perjodiku għall-provvediment ta' servizz ta' tiswija ta' soqfa tal-azzar f'diversi Oqsma Industrijali.

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Enterpise, Enterprise Centre, San Ġwann Industrial Estate, up to 10.00 a.m. on Friday, 1st October, 2010, for:–

*Advt. No. MIP/TQF/GEN/D12/10. Period Contract for the provision of steel roof repair services at various Industrial Estates.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli tal-offerta u tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Malta Enterprise, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar u s-1.00 p.m.u l-4.00 p.m.

L-14 ta' Settembru, 2010

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn tixtri *Event Management Services to hold an International Conference* - Ref.: Q1114/10.

Offerti magħluqin jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru 2010, fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'MITA, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel mingħajr ħlas minn fuq is-sit tal-MITA http://www.mita.gov.mt/tenders

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba b'*email* mibgħuta lil Q11110.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-*Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn tixtri soluzzjoni ta' *eProcurement* bħala servizz biex tippermetti dawk kollha li għandhom interess fil-proċessi ta' xiri pubbliku f'Malta.

Offerti magħluqin għall eProcurement Solution as a Service jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tnejn, it-25 ta' Ottubru, 2010 fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel bla ħlas minn fuq is-sit tal-MITA, http://www.mita.gov.mt/tenders

A fee of €50 will be charged for each tender document.

*Advertisement appearing for the first time

Forms of tender and further information may be obtained from the offices of the Malta Enterprise, on any working day from 9.00 a.m. to noon and from 1.00 p.m. to 4.00 p.m.

14th September, 2010

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:-

MITA needs to procure Event Management Services to hold an International Conference - Ref.: Q1114/10.

Sealed tenders will be received in the tender box at MITA, Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, till noon (Central European Time) of Friday, 24th September 2010.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on http://www.mita.gov.mt/tenders

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to Q11110.mita@gov.mt for a fee of €35.

For further information, contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 2123 4710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:

MITA needs to procure an eProcurement Solution as a Service enabling all the stakeholders involved in the Maltese public procurement processes.

Sealed tenders for eProcurement Solution as a Service will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up till noon (Central Europen Time) of Monday, 25th October, 2010.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on: http://www.mita.gov.mt/tenders

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba b'*email* mibgħuta lil: T08210.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Se ssir laqgħa ta' tagħrif f'Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda fl-10.00 a.m. (Ħin Ċentrali Ewropew), nhar tal-Ġimgħa, 1 ta' Ottubru, 2010.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment fis-*Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn tixtri L*aboratory Information Management System* għad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali.

Offerti magħluqin għall-Provvediment ta' *Laboratory Information Management System* – T053/10 jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Erbgħa, 13 ta' Ottubru, 2010 fil-kaxxa tal-offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITA: http://www.mita.gov.mt/tenders.

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba bl-*email* mibgħuta lil T05310.mita@gov.mt fuq ħlas ta' €35.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-*Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 21234710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

L-AĠENZIJA TAT- TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn tixtri soluzzjoni għat-tieni parti għas-Sistema Integrata tas-Saħħa.

Offerti magħluqin għat-tieni parti tas-Sistema Integrata tas-Saħħa jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tlieta, 16, ta' Novembru, 2010 fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda.

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to T08210.mita@gov.mt for a fee of €35.

A Briefing/Clarification meeting to be held at MITA Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda at 10.00 a.m. (Central European Time) on Friday, 1st October, 2010.

For further information, contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 2123 4710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:-

MITA needs to procure a Laboratory Information Management System for the Plant Health Department within the Ministry for Resources and Rural Affairs.

Sealed tenders for the Provision of a Laboratory Information Management System – T053/10 will be received in the tender box at Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up to noon (Central European Time) of Wednesday, 13th October, 2010.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on http://www.mita.gov.mt/tenders.

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to T05310.mita@gov.mt for a fee of €35.

For further information, contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 21234710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:

MITA needs to procure a solution for the provision of Integrated Health Information System Phase 2 (IHIS 2)

Sealed tenders for Integrated Health Information System Phase 2 will be received in the tender box at Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up till noon (Central European Time) of Tuesday, 16th November, 2010.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel bla ħlas minn fuq is-sit tal-MITA, http://www.mita.gov.mt/tenders

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba b'*email* mibgħuta lil T09110.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Se ssir laqgħa ta' tagħrif f'Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda fl-10.00 a.m.(Ħin Ċentrali Ewropew), nhar il-Ħamis, 23 ta' Settembru, 2010.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-*Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

L-AĠENZIJA TAT- TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn tixtri *Interactive Whiteboards* u servizzi ta' Taħriġ - Ref.: T078/10.

Offerti magħluqin jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tad-29 ta' Ottubru 2010, fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'MITA, Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel mingħajr ħlas minn fuq is-sit tal-MITA, http://www.mita.gov.mt/tenders.

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba b'*email* mibgħuta lil T07810.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-dipartiment *Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

L-AĠENZIJA TAT- TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn tixtri *Interactive Whiteboards* u Servizzi ta' Taħriġ - Ref.: T078/10.

Offerti magħluqin jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa 29 ta' Ottubru 2010, fil-Kaxxa tal-

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on http://www.mita.gov.mt/tenders

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to T09110.mita@gov.mt for a fee of €35.

A briefing/clarification meeting to be held at MITA Gattard House, National Road, Blata l-Bajda at 10.00 a.m. (Central European Time) on Thursday, 23rd September, 2010.

For further information, contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 2123 4710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:

MITA needs to procure Interactive Whiteboards and Training Services - Ref.: T078/10.

Sealed tenders will be received in the tender box at MITA, Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up till noon (Central European Time) on 29th October 2010.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on http://www.mita.gov.mt/tenders.

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to T07810.mita@gov.mt for a fee of €35.

For further information, contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 2123 4710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:

MITA needs to procure Interactive Whiteboards and Training Services - Ref.: T078/10.

Sealed tenders will be received in the tender box at MITA, Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up till noon

Offerti li tinsab f'MITA, Gattard House, Triq Nazzjonali, il-Blata l-Bajda.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel mingħajr ħlas minn fuq is-sit tal-MITA, http://www.mita.gov.mt/tenders

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba b'*email* mibgħuta lil T07810.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment *Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

(Central European Time) on Friday 29th October 2010.

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on http://www.mita.gov.mt/tenders

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to T07810.mita@gov.mt for a fee of €35.

For further information, contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 2123 4710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007 – 2013
Ninvestu fil-kompetittività għal kwalità ta' ħajja aħjar
L-ispejjeż kapitali għall-*Interactive Whiteboards* huma parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007 – 2013
Insaħħu ħilitna għal Aktar Impjiegi għal kwalità ta' ħajja aħjar
Is-servizzi ta' taħriġ jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex jiġu parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Fondi Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzajment: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in competitiveness for a better quality of life
Capital costs for the interactive whiteboards are part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering people for more jobs and a better quality of life
Training requirements in this tender may be considered for European Union part-financing under the European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

Investing in your future

L-AĠENZIJA TAT- TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

MITA għandha bżonn *ICT Policy Content and Best Practices*.

Offerti magħluqin għall-*ICT Policy Content and Best Practices* – T075/10 jintlaqgħu sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ħamis, il-21 ta' Ottubru, 2010 fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:-

MITA needs to procure ICT Policy Content and Best Practices.

Sealed tenders for ICT Policy Content and Best Practices – T075/10 will be received in the tender box at Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, up till noon (Central European Time) of Thursday, 21st October, 2010.

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel mingħajr ħlas minn fuq is-sit tal-MITA http://www.mita.gov.mt/tenders

Kopja stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba b'*email* mibgħuta lil T07510.mita@gov.mt għall-ħlas ta' €35.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tas-*Sourcing and Vendor Management* permezz tat-telefon 21234710, jew b'*email* mibgħuta kif diġà msemmi.

L-14 ta' Settembru, 2010

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* ta' Heritage Malta jgħarraf li:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru 2010 fl-Uffiċċju tal-Proġetti, Heritage Malta, Bini tal-ex-Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, jew b'*e-mail* lil anastasia.anastasi@gov.mt u john.f.galea@gov.mt jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. RFQ.20.10. *Networking equipment*.

Il-formoli tal-kwotazzjoni u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-Uffiċċju tal-Progetti, Heritage Malta, Bini tal-ex Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, f'kull ġurnata tax-xogħol (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew billi tintbagħat *e-mail* lil anastasia.anastasi@gov.mt u lil john.f.galea@gov.mt

L-14 ta' Settembru, 2010

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* ta' Heritage Malta jgħarraf li:

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru 2010 fl-Uffiċċju tal-Proġetti, Heritage Malta, Bini tal-ex-Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, jew b'*e-mail* lil anastasia.anastasi@gov.mt u john.f.galea@gov.mt jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. RFQ.19.10. Xiri ta' sistema ta' twaħħil ta' ritratti għall-Mużew Nazzjonali tal-Arti, il-Belt Valletta.

Il-formoli tal-kwotazzjoni u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-Uffiċċju tal-Progetti, Heritage Malta, Bini tal-ex Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, f'kull ġurnata tax-xogħol (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar jew billi tintbagħat *e-mail* lil anastasia.anastasi@gov.mt u lil john.f.galea@gov.mt

L-14 ta' Settembru, 2010

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website on http://www.mita.gov.mt/tenders

A hard copy of the same document may be obtained by an e-mail request to T07510.mita@gov.mt for a fee of €35.

For further information contact the Sourcing and Vendor Management Department on telephone number 21234710 or the above-mentioned email.

14th September, 2010

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:

Sealed quotations will be received at the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara or sent via e-mail to: anastasia.anastasi@gov.mt and john.f.galea@gov.mt in both cases the documents will be accepted by not later than noon of Friday, 17th September, 2010 for:

Quot. No. RFQ.20.10. Networking equipment.

The quotation forms and other information may be obtained from the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, on any working day (Monday to Friday) between 8.30 a.m. till noon or by sending a request via e-mail to anastasia.anastasi@gov.mt and to john.f.galea@gov.mt

14th September, 2010

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta notifies that:

Sealed quotations will be received at the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara or sent via e-mail to: anastasia.anastasi@gov.mt and john.f.galea@gov.mt in both cases the documents will be accepted by not later than noon of Friday, 17th September, 2010 for:

Quot. No. RFQ.19.10. Purchase of a picture hanging system for the National Museum of Fine Arts, Valletta.

The quotation forms and other information may be obtained from the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, on any working day (Monday to Friday) between 8.30 a.m. till noon or by sending a request via e-mail to anastasia.anastasi@gov.mt and to john.f.galea@gov.mt

14th September, 2010

HERITAGE MALTA

Iċ-*Chief Executive Officer* ta' Heritage Malta jgħarraf li:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Settembru 2010 fl-Uffiċċju tal-Proġetti, Heritage Malta, Bini tal-ex-Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. HM.28.10. Pubblikazzjoni ta' fuljetti mitwijin.

Għandu jitħallas dritt ta' €10 għal kull dokument tal-offerta kif tidher hawn fuq.

Il-formoli tal-offerta u kull tagħrif ieħor jistgħu jinkisbu mingħand l-Uffiċċju tal-Progetti, Heritage Malta, Bini tal-ex Sptar Navali, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, f'kull ġurnata tax-xogħol (mit-Tnejn sal-Ġimgħa) bejn it-8.30 a.m. sa nofsinhar.

L-14 ta' Settembru, 2010

HERITAGE MALTA

The Chief Executive Officer, Heritage Malta, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, by not later than noon of Friday, 17th September 2010 for:-

Advt. No. HM.28.10. Printing of folded leaflets.

A fee of €10 is to be paid for each of the above tender document.

The tender forms and other information may be obtained from the Projects Office, Heritage Malta, ex-Naval Hospital, Triq il-Missjoni Taljana, Bighi, Kalkara, on any working day (Monday to Friday) between 8.30 a.m. till noon.

14th September, 2010

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttorat tal-*Wholesale Market* u *Fishing Fleet Facilities*, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Settembru 2010 fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement*, Dipartiment tal-*Financial Management,* il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 138/2010. Provvista ta' *printing consumables* għas-sistema ta' *Meat Traceability* fil-Biċċerija.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dokumenti relattivi jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office,* Dipartiment tal-*Financial Management,* Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement* fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (Tel. 2299 7567).

L-14 ta' Settembru, 2010

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

The Wholesale Market and Fishing Fleet Facilities Directorate, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday, 17th September 2010 for:-

Advt. No. 138/2010. Supply of printing consumables for the Meat Traceability System at the Civil Abattoir.

A fee of €20 is to be charged for the procurement of each tender document.

Relevant documents may be obtained against payment of the indicated fee, from the Cash Office, Department of Financial Management, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section of the Ministry for Resources and Rural Affairs (Tel. 2299 7567).

14th September, 2010

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttorat tal-*Wholesale Market* u *Fishing Fleet Facilities*, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Settembru 2010, fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement*, Dipartiment tal-*Financial Management,* il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 142/2010. Twaqqigħ tat-torri għall-ilma tal-konkrit rinfurzat fil-biċċerija, il-Marsa.

Għandu jitħallas dritt ta' €20 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Dokumenti relattivi jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office*, Dipartiment tal-*Financial Management,* Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement* fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (Tel. 2299 7567).

L-14 ta' Settembru, 2010

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-Customer Services, Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Ottubru, 2010 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tat-Teżor, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. D. Cust. S. 32/2010. Provvista, konsenja, installazzjoni, issettjar u kummissjunar ta' 500 KVA *Generator Set* għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Avviż Nru. D. Cust. S. 33/2010. Provvista, konsenja, installazzjoni, issettjar u kummissjunar ta' *mains switch panel distribution board* għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Se ssir *clarification/site visit* nhar l-Erbgħa, 22 ta' Settembru 2010 fl-10.00a .m. fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, Sezzjoni tal-Inġinerija.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tat-Teżor, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex u mit-Taqsima tal-Provvisti, Bini tal-Imħażen Mediċi, Sptar San Luqa, Gwardamangia, Malta, wara ħlas ta' €5 f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-14 ta' Settembru, 2010

MINISTRY FOR RESOURCES
AND RURAL AFFAIRS

The Wholesale Markets and Fishing Fleet Facilities Directorate notifies that:

Sealed tenders would be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Friday 24th September 2010 for:

Advt. No. 142/2010. Demolition of the reinforced concrete water tower at the Civil Abattoir, Marsa.

A fee of €20 is charged for the procurement of each set of relevant documents.

Relevant documents may be obtained, against payment of the indicated fee, from the Cash Office, Department of Financial Management, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section of the Ministry for Resources and Rural Affairs (Tel. No. 2299 7567)

14th September, 2010

MINISTRY FOR GOZO

The Director Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Treasury Section, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Wednesday, 6th October 2010, for:-

Advt. No. D. Cust. S. 32/2010. Supply, delivery, installation, setting to work and commissioning of a 500 KVA Generator Set for the Gozo General Hospital.

Advt. No. D. Cust. S. 33/2010. Supply, delivery, installation, setting to work and commissioning of a mains switch panel distribution board for the Gozo General Hospital.

A clarification/site visit will be held on Wendesday, 22nd September 2010 at 10.00 a.m. at the Gozo General Hospital, Engineering Section.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Treasury Section, Ministry for Gozo, Victoria and Supplies Section, Medical Stores Building, St Luke's Hospital, Gwardamangia, Malta against a payment of €5 on any working day during office hours.

14th September, 2010

INTERREG IVC
INNOVATION & ENVIRONMENT
REGIONS OF EUROPE SHARING SOLUTIONS

European Union
European Regional Development Fund

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Dipartiment għal Eko-Għawdex u Żvilupp Reġjonali

Il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-17 ta' Settembru, 2010, jintlaqgħu kwotazzjonijiet għal:

Kwot. Nru. ICER 6/2010. Provvista ta' ikla waħda waqt iż-żjara f'Għawdex relatata mal-Proġett 'ICER' iffinanzjat taħt il-programm Interreg IVC.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, ir-Rabat, Għawdex. Il-kwotazzjonijiet sottomessi m'għandhomx jaqbżu l-valur ta' €30 għal kull persuna.

Il-kwotazzjonijiet jibqgħu validi għal perjodu ta' sitt xhur, għandhom jinkludu t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u ħlasijiet oħra jekk applikabbli.

Il-Ministeru għal Għawdex iżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-iżjed offerta vantaġġuża.

Aktar tagħrif u speċifikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-*email* joseph.a.theuma@gov.mt

L-14 ta' Settembru, 2010

MINISTRY FOR GOZO

Eco-Gozo Regional Development Department

The Ministry for Gozo notifies that:

Quotations will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 17th September, 2010, for:

ICER 6/2010. Provision of one meal during the Gozo visit in connection with the Interreg IVC 'ICER' Project.

Offers are to be dropped in the Tender Box at the Department of Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, Gozo. Quotations submitted should not exceed the amount of €30 per person.

Quotations shall be valid for a period of six months, inclusive of Value Added Tax, and any other charges if applicable.

The Ministry for Gozo reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

Further details and specifications may be obtained from joseph.a.theuma@gov.mt

14th September, 2010

Programm INTERREG IVC – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għal Żvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-Futur Tiegħek

INTERREG IVC Programme - Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Project part financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, id-29 ta' Settembru, 2010 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. WB 36/2010. Xiri ta' żewġ *pick up trucks* kif mitlub mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, ir-Rabat, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-14 ta' Settembru, 2010

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services by not later than 10.00 a.m. of Wednesday, 29th September 2010, for:-

Advt. No. WB 36/2010. Purchase of two pick up trucks as directed by the Department of Projects and Development, Victoria, Gozo.

A fee of €50 is to be paid for every copy of tender document.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Works Branch, By the Bastion Road, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

14th September, 2010

KULLEĠĠ SANTA TEREŻA
SKOLA SEKONDARJA TAS-SUBIEN
SANTA VENERA

Il-Kap tal-Iskola jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Settembru, 2010, jilqa' offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. SVBS1/2010. Kiri ta' *tuckshop* fl-Iskola msemmija hawn fuq.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju tal-Kulleġġ Santa Tereża, Skola Sekondarja tas-Subien, Trejqet Fleur-de-Lys, Santa Venera SVR 1583, Santa Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti għnadhom ikunu magħluqa fl-envelop indirizzat minn qabel u jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab fl-istess uffiċċju, Kulleġġ Santa Tereża, Skola Sekondarja tas-Subien, Trejqet Fleur-de-Lys, Santa Venera SVR 1583.

L-14 ta' Settembru, 2010

SAINT THERESA COLLEGE
BOYS' SECONDARY SCHOOL
SANTA VENERA

The Head of School notifies that:-

Sealed tenders will be received by not later than 10.00 a.m. of Tuesday, 28th September 2010, for:

Advt. No. SVBS1/2010. Hiring of tuckshop at the above mentioned school.

A fee of €30 is to be paid upon collection of the tender document.

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained from the Secretary's Office, Saint Theresa College, Boys' Secondary School, Trejqet Fleur-de-Lys, Santa Venera SVR 1583, Santa Venera on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Tenders should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Tender Box, located at the same office, Saint Theresa College, Boys' Secondary School, Trejqet Fleur-de-Lys, Santa Venera SVR 1583.

14th September, 2010

DIPARTIMENT TAS-SERVIZZI KORPORATTIVI - MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI, XOGĦOL U L-FAMILJA

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Settembru, 2010, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. PS 26/2010. Provvediment ta' servizzi ta' *catering* għall-attivitajiet organizzati mid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi fl-I*students' Hostel* f'Marsaxlokk.

Għandu jitħallas dritt ta' €25 għal kull dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mit-Taqsima tal-*Procurement,* Kamra 144 tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.30 a.m.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti f'Kamra 144, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, il-Furjana.

Il-Fergħa tal-*Procurement* u l-Amministrazzjoni fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tgħarraf illi dawk interessati jistgħu jattendu u jaraw il-ftuħ u skedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

L-14 ta' Settembru, 2010

DEPARTMENT OF CORPORATE SERVICES - MINISTRY OF EDUCATION, EMPLOYMENT AND THE FAMILY

The Director of Corporate Services notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 28th September, 2010, for:-

Advt. No. PS 26/2010. Provision of catering services for activities organised by the Directorate for Educational Services at the Students' Hostel in Marsaxlokk.

A fee of €25 is to be paid upon collection of tender document.

Offers should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Procurement Section, Room 144 of the Department of Corporate Services, Floriana, on any working day between 8.30 a.m. and 11.30 a.m.

Tenders must be deposited in the Tender Box at Room 144, Department of Corporate Services, Floriana.

The Procurement and Administration Branch of the Department of Corporate Services notifies that interested parties may attend and witness the opening and scheduling of tenders on the appointed date and time.

14th September, 2010

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Jintlaqgħu offerti magħluqin għall-bejgħ *tale quale* u tneħħija ta' lott wieħed sħiħ biex jinbiegħ b'irkant fin-Newport Bonded Stores, id-Dwana. Min jibgħat l-offerta għandu jissottometti offerta waħda biss għal-lott kollu. Il-kampjuni jinsabu għall-wiri mit-Tnejn, 27 ta' Settembru, 2010, sal-Ġimgħa, id-29 ta' Settembru, 2010 fil-11.00 a.m. L-offerti magħluqin jintlaqgħu mill-Kontrollur tad-Dwana, Id-Dwana, ix-Xatt ta' Lascaris, Valletta VLT 1920. Il-lott jikkonsisti f'dan li ġej:

1. Qomos tal-irġiel DE FOX 68160 biċċa
2. Ħwejjeġ ta' billejl tan-nisa 97376 biċċa
3. Ħwejjeġ ta' billejl tal-irġiel 51 biċċa
4. Papoċċi tal-plastik tan-nisa 63456 biċċa
5. T-Shirts tal-irġiel 28910 biċċa
6. Qliezet tal-irġiel 5180 biċċa
7. Qomos tal-irġiel 7910 biċċa
8. Dbielet tan-nisa 1600 biċċa
9. Qliezet tan-nisa 36100 biċċa
10. Dbielet tan-nisa 900 biċċa
11. Ħwejjeġ tan-nisa 6848 biċċa

CUSTOMS DEPARTMENT

Sealed tenders for the purchase tale quale and removal of one whole lot are to be sold by auction at Customs Newport Bonded Stores. Bidders are to submit one single bid for the entire lot. Samples can be viewed from Monday, 27th September, 2010, till Wednesday, 29th September, 2010 at 11.00 a.m. The sealed tenders will be received by the Comptroller of Customs, Custom House, Lascaris Wharf, Valletta VLT 1920. The lot consists of the following:

1. Men's shirts DE FOX 68160 pieces
2. Ladies' night clothes 97376 pieces
3. Men's night clothes 51 pieces
4. Ladies' slippers plastic 63456 pieces
5. Men's T-Shirts 28910 pieces
6. Men's pants 5180 pieces
7. Men's shirts 7910 pieces
8. Ladies' skirts 1600 pieces
9. Ladies' pants 36100 pieces
10. Ladies' skirts 900 pieces
11. Ladies' dresses 6848 pieces

L-oġġetti ġew manifatturati riċentement.

Wieħed jista' jara l-oġġetti li qegħdin jiġu offruti fi New Port Bonded Stores (Bejgħ bl-Irkant), il-Marsa.

Il-ħinijiet tal-wiri huma kif ġej:-

It-Tnejn, 27 ta' Settembru 2010, it-Tlieta, 28 ta' Settembru, 2010 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru 2010 mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m.

Il-formoli tal-offerta u aktar tagħrif rilevanti jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tan-Newport Bonded Stores tad-Dipartiment tad-Dwana, il-Marsa, matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju fil-ġranet tal-wiri.

L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti magħluqa, kif ukoll fin-Newport Bonded Stores tad-Dipartiment tad-Dwana, il-Marsa, matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju, sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Settembru 2010.

L-14 ta' Settembru 2010

DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANI
U KURA FIL-KOMUNITÀ

Id-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-12 ta' Ottubru, 2010, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Tiswija u *servicing* tal-flotta tal-vetturi fid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Provvista u konsenja ta' oġġetti varji għat-tindif lid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Provvista u konsenja ta' oġġetti varji ta' sptar/mediċi lid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Provvista u konsenja ta' oġġetti varji ta' *plumbing* u elettriku lid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Goods are of very recent manufacture.

All goods offered for sale may be viewed at Newport Bonded Stores (Auction Sales), Marsa.

Viewing hours are as follows:-

Monday, 27th September 2010, Tuesday, 28th September 2010, from 8.00 a.m. to noon and Wednesday, 29th September, 2010 from 8.00 a.m. till 11.00 a.m.

Tender forms and other relevant information may be obtained from the Newport Bonded Stores Section of the Customs Department, Marsa, during normal office hours on viewing days.

Tenders are to be deposited in the sealed tender box, also at the Newport Bonded Stores of the Customs Department, Marsa, during normal office hours, up to 11.00 of Wednesday, 29th September 2010.

14th September, 2010

DEPARTMENT FOR THE ELDERLY
AND COMMUNITY CARE

The Director, Department for the Elderly and Community Care, notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 12th October, 2010, for:-

Repair and servicing of the vehicle fleet at the Department for the Elderly and Community Care.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Supply and delivery of various cleaning materials to the Department for the Elderly and Community Care.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Supply and delivery of various hospital/medical items to the Department for the Elderly and Community Care.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Supply and delivery of various plumbing and electrical items to the Department for the Elderly and Community Care.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Provvista u konsenja ta' oġġetti tal-ikel lid-Dipartiment tal-Anzjani u l-Kura fil-Komunità.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-14 ta' Settembru, 2010

Supply and delivery of food items to the Department for the Elderly and Community Care.

A fee of €50 will be charged for every copy of tender document.

Offers should be made only on the prescribed forms, which together with the relative conditions and other documents are obtained on application at the Department for the Elderly and Community Care, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

14th September, 2010

SERVIZZI TA' *PROCUREMENT* TAL-GVERN (TAQSIMA TAS-SAĦĦA)

Id-Direttur tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Gwardamangia jgħarraf illi:-

Sad-9.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-28 ta' Settembru, 2010 fil-Kaxxa Ħadra fir-*reception area* tas-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa), Gwardamangia, l-Imsida, Malta, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. RFI. Nru. 013/10. *Measles/mumps/rubella vaccine*.

L-RFI imsemmija hawn fuq tista' titniżżel minn fuq http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=1298

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-14 ta' Settembru, 2010

GOVERNMENT HEALTH PROCUREMENT SERVICES

